# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru: 922/97

Anthony Briguglio

vs

Posta Limited bhala successur fit-titlu tad-Dipartiment tal-Posta.

Illum 14 ta' Marzu, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi dan l-ilment hu bazat fuq transfers ingustifikati u vessatorji li minhabba fihom ir-rikorrent tilef l-opportunita' li jkollu x-xoghol li kien jisthoqqlu u konsegwentement il-promozzjoni.

Il-fatti fil-qosor kienu dawn: ir-rikorrent kien intbaghat barra minn Malta ghal kors ta' sitt xhur fil-Post Office Management College ta' Rugby l-Ingilterra, fejn akkwista wkoll certifikat ta' kompetenza.

Meta gie lura Malta u kompla fil-pozizzjoni li kellu wara ftit intbaghat mill-management ghas-sezzjoni tal-accounts. Meta huwa gibed l-attenzjoni tal-principal ir-risposta kienet li ha transfer u mar f'dipartimenti ohra, fl-Audit, il-Finanzi u t-Tezor u l-Inland Revenue. Kieku baqa' fl-istess pozizzjoni, il-promozzjoni li kien ikun intitolat ghaliha kienet tkun ta' Assistant Head, peress li dak il-post kien vakant. Dan il-fatt wara Mejju 1987.

Illi kien hemm il-hsieb li jingiebu x-xhieda ndikati in sostenn tat-talba.

Ghaldaqstant intalab li dan it-Tribunal jisma' u jiddeciedi dwar l-ilment skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li ssir gustizzja mieghu, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jithallas kumpens skond l-istess ligi.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta ta' l-Agent Post Master General li eccepixxa:

Illi Posta Limited giet likwidata fl-14 ta' Lulju 1997 u li s-servizzi postali f'Malta qeghdin bhalissa jitmexxew mill-Agent Postmaster General.

Hija normali fid-Dipartimenti tal-Gvern li t-trasferimenti ta' mpjegati civili jsiru mill-Ufficcju tal-Management and Personnel fl-

Ufficcju tal-Prim Ministru jew dak li qabel kien jissejjah l-Establishments Division ta' l-istess Ufficcju.
Huwa car li bhala l-Agent Postmaster General prezenti m'ghandu l-ebda hjiel x'wassal ghat-trasferiment tas-Sur Anthony Briguglio f'Ottubru ta' l-1987.

Stqarr illi kieku kien jokkupa l-kariga ta' Postmaster General f'dawk iz-zmienijiet kien ikun fid-dover li jassigura li l-ordni tat-transfer li taghha baghat kopja (annessi bhala dok A u B) tigi esegwita.

Xhieda mportanti f'dan il-kaz huma s-Sur Alfred Costa, li kien jokkupa l-kariga ta' Postmaster General meta saru l-allegati transfers ingustifikati u vessatorji u d-Direttur Generali fl-Ufficju tal-Management and Personnel Office ta' l-Ufficcju tal-Prim Ministru jew rapprezentant tieghu.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati milll-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn ikkonferma l-fatti msemmija fir-rikors. Zied li wara li fl-1977 ghadda mill-ezami ghall-Ufficjal Amministrattiv kellu jiccaqlaq mid-Dipartiment tal-Informazzjoni peress li ma kienx hemm din il-vaganza relattiva, u avvicina lis-Sur George Borg il-Postmaster General biex imur jahdem hemm u dan mill-ewwel talab ghalih lill-Establishments Division u fis gie ttrasferit ghad-Dipartiment tal-Posta fis-sezzjoni tal-"Postal Operations".

Ftit zmien wara s-Sur Alfred Costa lahaq flok is-Sur Borg u r-rikorrent inghata r-responsabbilta` ta' Officer i/c Personnel Security and Transport. Floku mar habib tas-Sur Costa li izjed il-quddiem kien forsi parti mill-gwaj kollu li nqalaghlu. Mill-ewwel induna li ma kienx wiehed mill-benjamini tas-Sur Costa. Barra mix-xoghol relatat man-nomenklatura tas-sezzjoni, kien jirraprezenta d-Dipartiment u l-Principal quddiem il-Public Service Commission kif ukoll "Chairman u/jew membru ta' Boards interni. Sostna li s-Sur Costa kellu ghira ghalih.

Semma li hu dejjem kien interessat li jmur jispecjalizza fis-Senior Management" fil-Post Office Management College fl-Ingilterra. Talab li jattendi course fil-postal management izda meta qal lis-sur Costa qam l-infern. Izda hu mar il-Ministeru (Il-Ministru tal-Finanzi kien l-Onor. Lino Spiteri) u fost insinwazzjonijiet ohra insista li hu ma kienx addattat u kapaci ghal dan il-kors. Hu ghamel minn kollox biex jiskurah mal-Ministru u nsista li jekk kellu jmur xi hadd dan kellu jkun dak l-individwu li qabel kien irriplejsjah fis-sezzjoni tal-Postal Operations (sive il-blue eyed boy tieghu). Dan il-

kors kien maqsum f'erba' modules u wara kull wiehed it-tletin ufficjal gholi postali mid-dinja kollha li kienu qed jattenduh kellhom jaghmlu bhal "dissertation" li sservi ta' ezami "interim" u r-rizultat jintbaghat ghand l-amministrazzjoni ta' l-individwu u kkupjat lill-Commonwealth Secretariat. Meta gie lura mill-kors ghall-ahhar ta' l-1986 l-ostilita' minn Costa u ta' madwaru hassha izjed izda kien igawdi l-kunfidenza kollha mill-Ministeru u l-Establishments Division. Fl-1987 gie maghzul biex jattendi ghall-kors ta' sitt xhur fil-Middle Management fl-Universita' u fl-ahhar tal-kors ghadda mill-ezami b'marki tajba. Dawn l-isforzi tieghu poggewh bhala l-izjed ufficjal addestrat sew fil-Managent bi specjalizzazzjoni fil-Postal Management. Fl-1987 inbidel il-Gvern u f'Settembru ta' dik is-sena gew trasferiti xi ufficjali mid-Dipartiment ta' l-Affarijiet Barranin ghall-Posta u wiehed minnhom li ftit li xejn kellu esperjenza fl-amministrazzjoni l-izjed f'dik postali tpogga floku u hu gie ordnat mis-Sur Costa biex imur flok il-kaxxier, xoghol li ma kien xejn kompattibbli ma' dak li hadem fuqu ghal ghaxar snin shah u barra minn hekk l-esperjeza tieghu fil-management.

Ipprova jirrezisti dan it-transfer intern ghax ix-xoghol li tawh (kaxxier) seta' facilment jaghmlu ufficjal b'inqas minn grad ta' AO ghalkemm is-Sur Costa qallu li ried is-senior officer dik il-kariga! L-ghada sema' li kien ser ikun trasferit f'Dipartiment iehor. L-esigenzi tas-servizz skond is-Sur Degaetano kienu jitolbu li jigi trasferit fid-Dipartiment tal-Verifika bla hadd ma kien jaf bih, bla kamra, u lanqas mejda u siggu. Dan kien ifisser li hu mhux biss saret vendikazzjoni mieghu izda gie umiljat bl-aktar mod degradanti. Biex izjed tghaqad wara ftit granet permezz ta' T.L. Nru. 11/87

datata 30/11/87 saret taparsi korrezzjoni fejn kien hemm li hu kien trasferit ghad-Dipartiment tat-Taxxi Interni! Umiljazzjoni ohra, izda din id-darba ried jinqeda u jakkomoda ruhu s-Sur Degaetano billi certa Ms. Rose Plumpton ingiebet fis-sezzjoni tieghu u hu mar flokha. Fid-Dipartiment tat-taxxi Interni hallewh kwazi tliet xhur. Hawn ukoll kien bla ufficcju taparsi dejjem biex jitghallem ix-xoghol sakemm permezz ta’ T.L. Nru. 3/88 datata 30/3/88 ha t-tielet transfer ghad-Dipartiment tat-Tezor. Mar it-Tezor imkisser psikologikament. Sostna li filwaqt li qabel ir-rendiment tieghu kien wiehed ferm gholi tant li kien qed jigi kkunsidrat ghall-promozzjoni ta’ Assistant Kap issa kellu tlett transfers warajh u dak li specjalizzat fih mitluf. Dipartiment gdid u xoghol li ftit li xejn kien jaf. Ta 54 sena kellu jibda mill-bidu wara 34 sena servizz li 17 minnhom hadimhom fil-Posta!

In kontro ezami r-rikorrent qal li kawza tar-reorganisation floku fil-postal operations kien mar is-Sur Zammit Haber. Semma li kien hemm dicerija li ser jilhaq Assistant Head. Fil-fatt vakanza kien hemm pero` wara li telaq r-rikorrent mill-Posta kien sar haddiehor u ezattament Mr. Manuel Farrugia. Qal li wiehed mill-kriterji, pero` wiehed biss minnhom, kien l-element tas-seniority pero` sostna li ttiehdet l-okkazjoni biex hu jigi trasferit mill-Posta u b` hekk ma setax javvanza hemmhekk. Mill-Posta spicca l-Audit, imbaghad l-Income Tax, u wara tliet xhur spiccajt it-Tezor, u wara Treasury Accounting Officer u attached mad-Dipartiment tal-Health u kien jamministra sitta u tletin miljun lira kull sena.

<u>Alda Camilleri</u> li bejn l-1961 u l-1997 kienet tahdem id-Dipartiment tal-Posta u spiccat fil-kariga ta` Senior Manager wara li l-Posta kienet saret

kumpanija ghax qabel kienet Administrative Officer xehdet li tiftakar li f` okkazjoni minnhom il-Principal li kien is-Sur Costa kien wahhal f` rasu li hi ghanda xi simpatija lejn is-Sur Briguglio u kien anke darba qal li hi dixxiplu tas-Sur Briguglio.

Frans Vella li kien jahdem Assistant Principal il-Posta fl-istess zmien li kien jahdem is-Sur Briguglio xehed li kien fil-Personnel Section u cioe' fl-istess sezzjoni bhar-rikorrent. Fl-1986 is-Sur Briguglio kien attenda kors fl-Ingilterra ghal xi erba`, hames xhur dwar Postal Management. Kien hemm persuna ohra li kien hemm dicerija li trid tmur minnflok is-Sur Briguglio li kien is-Sur Zammit Haber. Effettivament is-Sur Briguglio kien mar. Is-sena ta` wara, wara l-elezzjoni, minnflok baqa' mieghu r-rikorrent spicca trasferit is-sezzjoni tal-Posta tal-Cash minnflok il-kaxxier. Is-Sur Farrugia li kien kaxxier lahaq Assistant Head u allura gie vakant il-post ta` kaxxier u s-Sur Briguglio spicca minnfloku. Il-Cash m` ghandekx management, izda aktar revenue.

Semma li dak iz-zmien il-procedura fil-Posta kienet li l-pozizzjoni ta` kaxxier kienet tinghata lill-persuna senior u infatti s-Sur Briguglio nizel hemmhekk bhala l-aktar persuna senior.

Alfred Costa li kien lahaq Assistant Postmaster General fl-1978, Postmaster General fl-1983, u spicca fl-1992 fis-sens li kien gie promoss ghal Permanent Secretary fil-Ministeru tas-Social Security xehed li lir-rikorrent jiftakru sewwa fid-Dipartiment. Meta gie s-Sur Briguglio kien Assistant Postmaster General u r-rikorrent kien Administrative Officer fil-Personnel and Security. Semma li fl-1987 kien hemm kaxxier is-Sur Manuel Farrugia li lahaq Assistant. Il-kariga ta' kaxxier mhix xi wahda ta' sempliciment kaxxier across the counter izda huwa bniedem li ghandu

r-responsabbilta' kbira ta' kmamar mimlijin bolol u postal orders, strong room, ta' qbil mas-Central Bank u diversi affarijiet li ghandhom flus kbar fihom. Dan huwa post ta' responsabbilta`. Is-Sur Manuel Farrugia kien sar wiehed mill-Assistenti pero` xorta wahda kien baqa' jaghmel xi xoghol ta' kaxxier. Intant is-Sur Briguglio kien in charge mill-kwistjoni tal-personnel jigifieri kien in charge mid-duties u specjalment dixxiplina, rapporti, movimenti ta' nies u tax' xi bordijiet. Is-Sur Briguglio kien jiehu hsieb diversi rapporti fosthom anke l-annual report.

Meta kien spicca mill-kariga ta' kaxxier is-Sur Farrugia wara konsultazzjoni mas-Sur Farrugia iddecieda li jistaqsi lis-Sur Briguglio biex imur bhala kaxxier. Ma kenitx promozzjoni izda kienet internal movement fil-posta. Meta qallu deher li ma tantx kien ha pjacir pero` kien mar. Semma li f' okkazjoni minnhom pero` ghax hu ma tantx kien jidher sodisfatt b' dan il-moviment, kien dahal fil-kamra tax-xhud, wasal qisu xi erba`, hames piedi 'l boghod u qallu "isma nispera li jekk ikolli transfer ma tostakolanix sur Costa" u rrispondih "le, ghamel inti". Effettivament fl-1 ta' Ottubru 1987 kien gie transferred u kellu l-impressjoni l-Inland Revenue.

Dak iz-zmien il-procedura ghal-Assistant kienet issir "by seniority and merit" mill-Gvern kollu mhux necessarjament mid-dipartiment biss. Promotions isiru mill-Gvern kollu. Biex tkun kaxxier minimum grade bilfors irid ikun ta' A.O. Is-Sur Farrugia kien sar minhabba l-fatt li skond is-seniority kien imissu hu u l-MPO kienu kkunsidrawh minhabba f' hekk.

Darba minnhom il-Ministru ssuggerielu li ghal kors fil-Postal Services jibghatu lir-rikorrent. Izda hu deherlu li kellu jibghat persuna li ghandha x' taqsam mal-Postal Services, li x-xoghol tieghu ta' kuljum kien ghalhekk konness ma' din il-haga u deherlu li kellu jintbaghat is-Sur Zammit Haber. Ma xtaqx jibghat lilu pero` mhux ghax ma kienx kompetenti izda minhabba l-fatt li kellu shortage ta' personnel, minn zewg assistenti ma kellu lil hadd u dik is-section kien imexxiha s-Sur Zammit Haber stess. Fil-fatt kien xorta wahda spicca biex mar is-Sur Briguglio matul l-1986.

Semma li wahda mir-ragunijiet ghaliex kien baghat lis-Sur Briguglio bhala kaxxier kien propju minhabba l-fatt ta` seniority fl-Administrative Grade. Ir-rikorrent kellu kwalifiki biex imur il-kors.

<u>Noel Enriquez</u> Assistant Director fir-Resourcing Department fl-MPO xehed li dwar transfer tar-rikorrent li jgib in-numru 10/87 li ggib id-data tat-30 ta' Ottubru 1987 ir-rikorrent gie trasferit mill-Posta ghall-Audit mill-1 ta' Ottubru 1987. Ma jirrizultax li kien hemm it-talba ta' xi hadd ghat-transfer tar-rikorrent. Kull ma sab mill-files huwa transfer list ufficjali. Ma jirrizultax jekk hemmx talba tar-rikorrent, tad-dipartiment jew ta' xi hadd iehor.

Regola ta kif jigu regolati t-transfers harget fl-1997. Kull kaz kien ikun trattat fuq il-mertu tieghu stess. Dwar it-transfers sussegwenti tar-rikorrent semma li harget transfer list 11/87 propju ta' wara dik li ggib id-data tat-30 ta' Novembru 1987 fejn kien hemm nota li fit-transfer list numru 10 tal-1987 is-Sur Briguglio gie trasferit ghall-Inland Revenue u mhux l-Audit. X' inhi r-raguni ghaliex saret din il-korrezzjoni ix-xhud

ma kienx jaf. Harget transfer list number 3 tal-1988 li ggib id-data tat-30 ta' Marzu 1988 fejn fiha s-Sur Briguglio jidher li mill-Inland Revenue mar ghat-Tezor. Semma li Rose Plampton giet tasferita mill-Inland Revenue ghall-OPM mill-1 ta' Ottubru 1987. Ma setax jghid li s-Sur Briguglio ha post Rose Plampton pero` fuq il-lista tidher. Il-grad tas-Sur Briguglio kien ta' A.O. waqt li ta' Rose Plampton E.O.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` intimata hija li Posta Limited giet likwidata fl-4 ta' Lulju 1997 u li s-servizzi postali f' Malta qieghedin bhalissa qieghedin jitmexxew mill-Agent Postmaster General. Ir-rikorrent f' ebda stadju tar-rikors ma talab korrezzjoni waqt li s-socjeta` intimata ebda hin ma ressqet xi prova dwar il-likwidazzjoni tal-istess socjeta`. Fin-nota tal-osservazzjonijiet finali a fol 52 rega' gie sollevat li l-kawza giet istitwita kontra persuna li mhix kapaci toqghod f' din il-kawza peress li mhux aktar ezistenti stante li s-socjeta` intimata giet likwidata fl-4 ta' Lulju 1997. Provi dwar dan l-aspett ma sar xejn. Quod non est in actis no est in mundo. Konkluzjoni ta' dan hi li ma hemmx provi tal-likwidazzjoni u t-Tribunal ikollu jimxi fuq il-provi prodotti.

L-ilment tar-rikorrent jinkwadra transfers li fil-fehema tieghu mhux gustifikati u vessatorji u li per konsegwenza tat-tluq tieghu mid-Dipartiment tal-Posta hu tilef l-opportunita` tax-xoghol li kien haqqu u b' hekk tilef ukoll il-possibbilta` tal-promozzjoni ghal Assistant Head. Hawn ukoll trid issir ir-riflessjoni. Jekk stess ir-rikorrent kellu xi dritt ghall-promozzjoni u t-Tribunal seta' jinvestiga tali ilment taht l-Artikolu 6 (1) (a) il-kawza kienet trid tigi istitwita wkoll fil-konfront tal-persuna

legittimament kontradittrici ghal tali talba, haga li ma sartix, u ghalhekk it-Tribunal hu prekluz milli jindaga dwar il-possibbilta` o meno u l-ingustizzja jew le ta' tali talba ghall-promozzjoni.

F' dan l-istadju jifdal biss li wiehed jezamina jekk it-transfers li saru setghux isiru minghajr ma tkun kommessa ingustizzja. Jibda biex jghid it-Tribunal li dwar l-ilmenti tar-rikorrent fuq id-diffikultajiet li qajjimlu s-Sur Costa dwar l-attendenza tieghu ghall-kors ta' barra minn Malta kif ukoll set up organizzattiv god-Dipartiment tal-Posta jezorbitaw mill-kompetenza tat-Tribunal. It-Tribunal huwa kompetenti dwar transfers u ghalhekk l-ewwel nett irid jara jekk l-ewwel transfer kronologikament u cioe` dak intern li bih ir-rikorrent spicca jaghmel ix-xoghol ta' kaxxier kienx jammonta ghal ingustizzja. Kif gie spjegat aktar 'il fuq il-pozizzjoni ta' kaxxier kienet fil-Posta pozizzjoni ta' responsabbilta` kbira u mhux xi haga moghtija lil xi skrivan zghir. Irrizulta wkoll li Emanuel Farrugia qabel ma ha l-promozzjoni wkoll kien kaxxier bhala Senior Officer fil-grad ta' A.O. Ghalhekk huwa veru li r-rikorrent seta' ddejjaq bil-moviment intern tieghu mix-xoghol li kien jiehu gost jaghmel u kien ihossu idoneju ghalih ghal dak ta' kaxxier izda xorta wahda jibqa' li jekk l-awtoritajiet kompetenti dehrilhom li jassenjawlu dan ix-xoghol, b' hekk ma saret ebda ingustizzja kif definita fil-Kap 394.

Nigu issa ghat-transfers l-ohrajn u jinghad li propjament dak li sejjer jezamina t-Tribunal huwa t-transfer li bih ir-rikorrent telaq mill-Posta ghal dipartimenti ohra u dan ghaliex id-dipartimenti l-ohra ma gewx imdahhla fil-mertu tar-rikors. Jirrizulta li mill-Posta r-rikorrent gie trasferit ghall Audit mill-1 ta' Ottubru 1987 permezz ta' 10/87 u ma kien hemm ebda talba ta' hadd ghal dan it-transfer. In segwitu harget l-11/87

datata 30 ta' Novembru 1987 fejn kien hemm nota li fit-transfer list numru 10 tal-1987 ir-rikorrent gie trasferit ghall Inland Revenue u mhux l-Audit. Wara r-rikorrent gie trasferit it-Tezor. Hawn ta' min isemmi li la t-Terzor, la l-Audit u anqas id-Dipartiment tat-Taxxi Interni ma huma parti fil-kawza u ghalhekk it-Tribunal ma jistax jezamina t-transfers sussegwenti u jista' biss jezamina dak tar-rikorrent mill-Posta ghall-Audit/Income Tax.

Jinghad li ma gie attribwit b' ebda mod li r-rikorrent talab transfer ghalkemm is-Sur Costa xehed li f' okkazjoni minnhom ir-rikorrent kien qallu li jispera li hu ma jostakolahx jekk ikollu transfer. Dan mhux bizzejjed biex issir prova li r-rikorrent kien talab transfer. Jekk kien hemm xi raguni ghaliex id-Dipartiment tal-Posta jew l-MPO hassew li ghandu jsir dan it-transfer tali raguni qatt ma nghatat lit-Tribunal, anzi Noel Enriquez xehed li mill-files din ma tirrizultax.

Fil-kawza "Godwin Pulis vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim' Ministru et" deciza fit-23 ta' Marzu, 1999 it-Tribunal qal:

"Meta jsiru domandi lil min ikun responsabbli ghat-transfers it-Tribunal jisma' dejjem li fil-kuntratt tax-xoghol hemm stipulat li dan jista' jsir skond l-esigenzi tas-servizz, kif ukoll li ma hemm ebda ligi li tghidlek li dan irid ikun bil-miktub u li jinghatw r-ragunijiet ghalih. Veru li sfortunatament ma hemmx ligi f'dan ir-rigward, izda f'dan is-seklu ghalkemm il-haddiema ghandhom hafna aktar doveri milli xi whud minnhom jifmu, fl-istess hin hemm id-dover sakrosant li ghandhom jigu stmati bl-ahjar mod possibli. Il-kliem esigenzi tas-servizz mhix xi lokuzzjoni frivola li wiehed jghaddiha bhala

passatemp – infatti l-esigenzi tas-servizz iridu veru jirrekjedu hekk. Is-serjeta' titlob ukoll li transfer ikun hemm raguni valida ghalih, u ferm desiderabbli li jinghata bil-miktub jekk kollox hu "above board".

Fil-kaz in ezami raguni ghat-transfer ma naghatax. Irrizulta li r-rikorrent kien haddiem validu u ta' kapacitajiet, kien bniedem li ghadda sbatax-il sena jahdem fid-Dipartiment tal-Posta u ntbaghat jattendi diversi korsijiet fosthom dawk specjalizzati fuq is-servizzi postali. Ghalhekk ma kienx jaghmel sens li dan jigi trasferit minn tali dipartiment b' dannu kemm ghalih kif ukoll ghas-socjeta` li investiet fih sakemm ma jkunx hemm raguni valida. Jidher li r-relazzjonijiet bejn il-kap tad-dipartiment is-Sur Costa u r-rikorrent b' ebda mod ma kienu mill-ahjar u forsi din kienet raguni valida biex sar it-trasferiment izda din ma nghatatx bhala raguni tat-transfer u d-Dipartiment tal-Management and Personnel ghazel biss li jghid li ma tirrizultax ir-raguni. Jekk ma hemmx raguni valida ma messux sar it-transfer.

Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjoni tas-socjeta` intimata, jilqa' t-talba tar-rikorrent riferibbilment ghat-transfer mill-Posta Limited u peress li f' dan il-kaz ma jistax jirrikmanda rimedju kumpensattiv izda biss kumpens, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' elfejn lira [LM2000].

Spejjez kontra s-socjeta` intimata.